**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2019.**

**Rikors nru: 311/18 AGV**

ABC (373468M)
Vs
DE (0045900 A)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ipprezentat fit-28 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu nhar id- 19 ta' Frar 2008 ( Dok. A) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx ulied;

Illi l-partijiet  isseparaw definittvament permezz ta' sentenza mghotija minn din l-Onorabbli Qorti, nhar it- 28 ta' Gunju 2017, liema ma gietx appellata ( Dok A annessa)

Illi minkejja li l-partijiet issperaw fit- 28 ta' Gunju 2017, huma kienu ilhom jghixu hajja separata de facto ghall hames snin shah u dan kf gie irrapurtat fil-mori tal-istess kawza.

Illi skont l-istess sentenza l-ebda manteiment ma huwa dovut ghall-konvenut,fil-waqt li ghalkemm l-esponent qatt ma tilfet id-dritt taghha li titlob manteniment, fl-istess sentenza ma giex likwitat manteniment ghall-attrici stante li hi tahdem ;

Illi bejn il-partijiet ma hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, ghaliex huma ilhom jghixu hajja separata sa mis-sena 2011 u llum il-gurnata iz-zewg partijiet ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldastant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-parijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta'Malta.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhirliha xierqa u opportun.

Rat in-nota ta' ABC datata 19 ta' Frar 2019, fejn giet prezentata email minn DE, mibghuta lill-konsulent taghha, u f' liema huwa iddikjara li ma joggezzjonax ghat-talba tal-istess rikorrenti ghall-otteniment tad-divorzju.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi Dr. Leontine Calleja u PL Luisa Tufigno fejn jesponu bir-rispett illi;

1. Illi preliminarjament regolament EC 1348/2000, stabbilt procedura ghal notifika fi stati membri u ghalhekk kellha tintuza' dil-procedura u mhux il-procedura tal-hatra tal-kuraturi ghal notifika tal-intimat;
2. Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat assenti minn Malta;

Salv eccezjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' Dr Leontine Calleja u ta' PL Louisa Tufigno mahtura bhala kuraturi deputati li permezz taghha qeghdin jannettu email li bghatet lil DE, liema email inghatat mill-attrici u r-risposta permess ta' e-mail ta' DE fejn qal li mhux joggezzjona ghal divorzju bejn il-partijiet.

Rat illi, ghalhekk, ir-rekwiziti li trid il-ligi gew soddisfatti, u l-Qorti tista' tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti rat li l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi gie ppruvat illi l-partijiet ilhom separati skond sentenza tat-28 ta’ Gunju, 2017, li ma gietx appellata, izda ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba’ snin rikjesti sabiex jinhall iz-zwieg.

Jikkonfermaw li m’ghadx hemm il-possibilita’ ghar-rikonciljazzjoni peress li llum ghandhom hajja separata minn xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li m’hemmx pendenzi ta’ manteniment bejniethom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa’ t-talbiet tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

It-terminu ghall-appell qed jigi abbrevjat ghal gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor.Imhallef Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**